MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-13 ta' Frar, 2012

Citazzjoni Numru. 1282/2002/1

HSBC Bank Malta p.l.c.
vs
Rita Caligari u Emanuel Degiorgio

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**

Rat ic-citazzjoni tal-bank attur li biha ippremetta:

Illi l-konvenuta Rita Caligari kienet isseparat minn zewgha l-konvenut Emanuel Degiorgio in forza ta’ kuntratt in atti Nutar Dottor Carmelo Lia tal-21 ta’ Novembru 1984 li permezz tieghu l-fond “Fiath” fi triq bla isem, illum Triq Anton Manwel Caruana, f’Bahar ic-Caghaq, limiti ta’ Hal-Gharghur thalla barra mid-divizjoni tal-komunjoni ta’ l-akkwisti liema fond kien jippartjeni lill-konvenuti nofs indiviz kull wiehed;

Illi l-konvenuta Rita Caligari hija debitrici tal-bank attur fis-somma ta' Lm30,789.71 oltre l-imghaxijiet legali mill-21 ta' Marzu 2001 fuq "*overdraft account*" numru 011 055571 001 fis-somma ta' Lm43, 576.66 oltre l-imghaxijiet legali mill-21 ta' Marzu fuq "*loan account*" numru 011 055571 300;

Illi l-bank attur skopra recentement illi in forza ta' kuntratt in atti Nutar Dottor Peter Fleri-Soler tal-15 ta' Lulju 1999 il-konvenuta assenjat sehemha indiviz mill-fond imsemmi lill-konvenut taht forma ta' bejgh simulat bhala divizjoni;

Illi l-bejgh bejn il-mizzewgin huwa null a bazi ta' l-artikolu 1366 tal-Kodici Civili;

Illi dan il-kuntratt sar manifestament b'qerq mid-debitrici bi hsara tal-jeddijiet tal-bank attur in kwantu bil-pubblikazzjoni tal-precitat kuntratt tal-15 ta' Lulju 1999 il-valur ta' l-assi li baqa' f'idejn il-konvenuta m'humiex bizzejjed biex jaghmlu tajjeb ghall-hlas tad-dejn li l-konvenuta ghandha mal-bank attur;

Illi l-konvenut kien konsapevoli ta' l-istat finanzjarju prekarju tal-konvenuta;

Il-bank attur talab lil Qorti:

1. Tiddikjara li l-kuntratt fuq imsemmi tal-15 ta' Lulju 1999 sar b'qerq mill-konvenuta Rita Caligari bi hsara tal-kreditu li l-bank attur ghandu kontra taghha;

2. Tiddikjara li l-kuntratt fuq imsemmi tal-15 ta' Lulju 1999 sar b'qerq mill-konvenut Emanuel Degiorgio bi hsara tal-jeddijiet tal-bank attur;

3. Tiddikjara li l-kuntratt fuq imsemmi kien fil-fatt bejgh u mhux divizjoni u bhala bejgh kien null *ai termini* tal-artikolu 1366 tal-Kodici Civili;

4. Thassar u tirrexxindi l-kuntratt tal-15 ta' Lulju 1999 *de quo* u tinnomina Nutar Pubbliku ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' rexxissjoni relattiv prevja n-

nomina ta’ kuratur sabiex jirrapprezenta fuq l-istess l-eventwali kontumaci;

Bl-ispejjez inkluzi dawk iz-zewg ittri ufficjali tal-5 ta’ Gunju 2001 u tat-23 ta’ Lulju 2001 kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti prezentati mill-bank attur.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Emanuel Degiorgio li biha eccepixxa:

1. Illi preliminarjament in-nullita` tac-citazzjoni peress li fiha kawzali u talbiet alternattivi;

2. Illi fil-meritu Emanuel Degiorgio ma kkommetta l-ebda qerq u dejjem kien in *bona fede*. Kif ser jirrizulta mill-provi Emanuel Degiorgio ma kienx konsapevoli mid-dejn li l-konvenuta kellha mal-bank u f’kull kaz il-kuntratt fl-atti tan-nutar Dottor Peter Fleri-Soler tal-15 ta’ Lulju 1999 ma sarx bi skop li jqarraq lil xi hadd. Ma jezistux l-elementi ta’ l-*actio pauliana*;

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess fir-rigward tat-tielet talba tas-socjeta` attrici, din ma tistax issir *stante* li l-kuntratt huwa *res inter alios acta* u l-uniku mezz biex is-socjeta` attrici timpunja l-kuntratt huwa permezz ta’ l-*actio pauliana*;

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess il-kuntratt huwa dak li jghid, jigifieri divizjoni;

5. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess anke kieku kellu jghid ghall-grazzja ta’ l-argument biss li l-kuntratt huwa wiehed ta’ bejgh, dan xorta huwa wiehed validu. M’hemm xejn fil-ligi li jipprojbixxi tnejn min-nies li huma legalment separati minn xulxin li jitrasferixxu propjeta` bejniethom.

Bl-ispejjez u salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenut Emanuel Degiorgio;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuta Rita Caligari li biha eccepiet:

1. In-nullita` tac-citazzjoni billi fiha kemm kawzali u kemm talbiet alternattivi;

2. Illi bla pregudizzju mhux minnu li l-kuntratt tal-15 ta' Lulju 1999 sar b'qerq;

3. Illi bla pregudizzju mhux minnu li l-istess kuntratt huwa wiehed ta' bejgh izda huwa wiehed ta' divizjoni; u anki kieku, ghall-grazzja ta' l-argument biss, kien bejgh jonqos fil-Bank attur l-interess guridiku li jitlob in-nullita` tieghu;

4. Illi d-Dok E ezibit mill-Bank attur m'ghandu x'jaqsam xejn mal-kaz tal-lum u ghalhekk ghandu jkun sfilzat; barra hekk l-isfilz ghandu jsir billi l-Ligi titlob l-ahjar prova u dak id-dokument - li huwa semplici allegazzjoni u, minn fuq, f'gazzetta - zgur ma jissodisfax dak il-kriterju.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-konvenuta Rita Caligari.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lix-xhieda bil-gurament;

Semghet l-abili difensuri;

Ikkunsidrat

Illi permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta ta' l-4 ta' Gunju, 2007, il-Qorti iddecidiet:
"Għal dawn il-mottivi l-Qorti fil-waqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet kollha attriċi u

għall-fini tar-raba’ talba, tinnomina lin-Nutar Dottor Silvana Borg Caruana biex tippublika l-att relattiv u l-Avukat Dottor Veronique Dalli bħala kuratur tal-kontumaċji – il-kuntratt isir fil-jum, ħin u lok fejn il-Qorti tipprovdi fuq talba tal-bank attur jew tan-Nutar nominand.”

Il-Qorti ta’ l-Appell fis-sentenza taghha tad-29 ta’ Jannar, 2010 ikkonkludiet:
“Izda mbaghad l-ewwel Qorti, ghalkemm ma epuratx l-eccezzjoni imsemmija dwar kawzali u talbiet alternattivi, ddecidiet billi cahdet l-eccezzjonijiet kollha u laqghet flimkien it-talbiet attrici kemm dawk bazati fuq l-azzjoni revokatorja kif ukoll dawk bazati fuq l-azzjoni rexxissorja. Ghalhekk taht dan l-aspett is-sentenza ma tistax titqies bhala li hija sostanzjalment gusta billi l-Qorti kellha taghzel liema azzjoni l-bank attur irnexxilu jipprova u ma setghetx tilqa’ z-zewg azzjonijiet f’daqqa.

Fid-dawl ta’ din il-konkluzzjoni mhux il-kaz li din il-Qorti tkompli biex tezamina l-aggravji l-ohra.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa’ l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tirrinvija l-atti quddiem l-ewwel Qorti sabiex din, wara li tkompli tisma’ l-kawza fid-dawl tas-suespost, tghaddi ghad-decizjoni taghha skond il-ligi.”

Illi fid-19 ta’ Frar, 2010 il-Qorti presjeduta mill-Imhallef Joseph Azzopardi hasset li hemm ragunijiet ghalhekk biex tastjeni a tenur ta’ l-artikolu 733 tal-Kap 12 u fil-25 ta’ Frar il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta.

Din id-decizjoni tirrelata biss dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti u cioe` n-nullita` tac-citazzjoni peress li fiha kawzali u talbiet alternattivi.

## C. KUNSIDERAZZJONIJIET:

***<u>C1. Fatti tal-kaz:</u>***
Emanuel Degiorgio u Rita Caligari sseparaw 26 sena ilu permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni pubblikat fl-atti tan-Nutar Dr. Carmelo Lia tal-21 ta’ Novembru, 1984. Ma

rrizultax li in segwitu kellhom xi kuntatt ma' xulxin u Degiorgio jsostni li hu ma kellu ebda hjiel ta' l-obbligi jew djun assunti minn Rita Caligari. Fil-kuntratt ta' separazzjoni, fost affarijiet ohra, il-konvenuti kienu hallew id-dar "Faith", Triq Anton Manuel Caruana, Bahar ic-Caghaq komuni, fil-waqt li Degiorgio ha b'lokazzjoni dar. Irrizulta wkoll li f'Marzu 1999, il-konvenuta Rita Caligari b'ittra mibghuta mill-konsulent legali taghha, offriet lil Degiorgio li ssir qasma tal-fond 'Faith', li sa dak iz-zmien kien ghadu proprjeta` komuni taghhom. Intlahaq ftehim li permezz tieghu saret divizjoni fejn Degiorgio gie assenjat in-nofs indiviz tal-fond precitat, filwaqt li l-konvenuta hadet is-somma ta' Lm5,000 bhala sehemha, u fil-15 ta' Lulju 1999, gie pubblikat il-kuntratt ta' divizjoni.

Il-kawza odjerna giet intavolata fit-13 ta' Novembru, 2002 u Degiorgio jsostni li kien hawnhekk li hu sar jaf li l-konvenuta Rita Caligari kellha dejn mas-socjeta` attrici.

***<u>C2. Nullita` tac-Citazzjoni minhabba li fiha kawzali u talbiet alternattivi:</u>***

Is-socjeta` attrici baqghet tinsisti li ma hemm l-ebda nullita' fic-citazzjoni u dan ghax :

"it-talbiet attrici ma humiex kontradittorji ghal xulxin izda kumplimentari. Ic-citazzjoni hija imfissra f'termini cari u ma joholqu l-ebda pregudizzju lill-konvenuti."

U f'nota ulterjuri kompliet:

"Hemm distinzjoni netta bejn "talbiet alternativi" u "talbiet konfliggenti jew kontradittorji". Kien il-konvenut Degiorgio minn jeddu li ghazel li jressaq tali eccezzjoni fil-bidu tal-kawza. Ma jistax issa f'dan l-istadju jisposta l-eccezzjoni tieghu u jipprova jitratta eccezzjoni li ma tezistiex in atti. Jigi ghalhekk sottomess bir-rispett illi din l-eccezzjoni ghandha tigi trattata unikament bil-mod kif giet proposta u mhux bil-mod kif issa qed jipprova l-konvenut Degiorgio."

Ghall-precizzjoni l-ewwel eccezzjoni ta' Degiorgio kienet tghid hekk:

"Illi preliminarjament in-nullita` tac-citazzjoni peress li fiha kawzali u talbiet alternattivi".

Infatti l-istesss socjeta` attrici zzid li:
"Skond l-artikolu 789 tal-Kap 12:
*"L-eccezzjoni ta' nullita' ta' l-atti gudizzjarji tista' tinghata (a) jekk in-nullita' hija iddikjarata mil-ligi espressament"***.** Jigi osservat illi l-appellant ma ghamel l-ebda referenza ghal xi provvediment ta' ligi in sostenn ta' din l-eccezzjoni tieghu. Kif gie dikjarat mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-kawza "**Joseph Cachia *nomine* vs Paul Zammit *et noe***" deciza fl-14 ta' Dicembru 1989:-

*"Illi biex citazzjoni tkun nulla, skond l-artikolu 789 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, in-nullita' trid tkun iddikjarata mill-ligi espressament jew ikun hemm vjolazzjoni tal-provi mehtiega mill-ligi jew nuqqas ta' xi partikolarita' essenzjali, mehtiega mill-ligi espressament".*

U wara zzid:

"Jigi sottomess bir-rispett illi ma hemm xejn irrikonciljabbli bejn l-ewwel zewg talbiet attrici u t-tielet talba attrici. Kienu jkunu talbiet irrikonciljabbli kieku f'wahda jintalab li l-kuntratt jigi dikjarat null u f'ohra jintalab li l-kuntratt jigi ezegwit. Talbiet irrikonciljabbli huma per ezempju talba ta' azzjoni ta' spoll abbinata fl-istess kawza ma azzjoni *rei vendicatoria* fejn allura huwa ben saput li f'azzjoni ta' spoll huma inammissibli provi fil-petitorju. F'kazijiet bhal dawn hemm sitwazzjoni ta' talbiet irrikonciljabbli u mhux fil-kaz in dizamina."

Izda fil-fatt fil-kawza odjerna s-socjeta` attrici, ittentat taghmel l-*actio pauliana* u kawza ghan-nullita` a bazi ta' l-Artikolu 1366 tal-Kodici Civili fl-istess hin. Fil-fatt dawn iz-zewg kawzi jikkontradicu lil xulxin ghax li filwaqt li l-*actio pauliana* ggib it-thassir tal-kuntratt [u ghalhekk revoka tal-kuntratt ], l-ohra ggib in-nullita' *ab initio* ta' kuntratt. L-*actio pauliana* hija maghrufa bhala l-azzjoni revokatorja. Ma tistax s-socjeta` attrici tipprova tannulla kuntratt u fl-istess azzjoni ssostni li l-kuntratt huwa null *ab initio*.

Kif sewwa jsostni l-konvenut Degiorgio:

"Il-fatt li l-bank ressaq l-azzjoni pawljana, dan il-fatt fih innifsu kien jeskludi li l-bank jinvoka n-nullita` *ab initio* tal-

kuntratt. Fl-azzjoni pawljana l-att ikun jezisti, mentri taht l-Artikolu 1366 l-att qatt ma jkun ezista (inezistenti)...

F'tali cirkostanzi japplika l-principju ta' *electa una via non datur recursus ad alteram* u s-socjeta` attrici kellha taghzel it-triq li trid tiehu u mhux tagixxi b'mod kontradittorju ghaliha nnifisha. Fit-tielet talba tac-citazzjoni l-Bank stess talab dikjarazzjoni ta' **nullita` tal-kuntratt** tal-15 ta' Lulju, 1999, *stante* li qed jallega li l-kuntratt kien fil-fatt bejgh u mhux divizjoni u bhala bejgh kien null *ai termini* tal-artikolu 1366 tal-Kodici Civili. B'mod kontradittorju pero` fir-raba' talba tac-citazzjoni, is-socjeta` attrici, qed titlob li l-kuntratt tal-15 ta' Lulju, 1999 **jigi mhassar u rexiss**."

Ikkunsidrat illi s-socjeta` attrici ghamlet dawn it-talbiet kontestwalment u mhux alternattivament – li gew talbiet kontestwali li bhala stat ta' fatt huma kontradittorji. Hu logiku li attur ma jistax jitlob dikjarazzjoni ta' nullita` ta' kuntratt u fl-istess nifs jitlob ir-rexxissjoni ta' l-istess kuntratt. Infatti s-socjeta` attrici qed titlob zewg affarijiet:
"a) li l-kuntratt *de quo* - wiehed ta' qasma - sar b'qerq miz-zwieg konvenuti a skapitu tal-bank u ghalhekk ghandu jithassar;
b) li l-kuntratt ma kienx qasma izda bejgh u allura mill-bini kien bejn mizzewgin u ma sarx bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti."

Jirrizulta li l-ewwel zewg talbiet huma msejsa fuq l-*actio pauliana* - art 1144 tal-Kap. 16 filwaqt li t-tielet talba hija bazata fuq l-art 1366 tal-Kap 16 u b'hekk hemm tahlit ta' kawzali u talbiet. Dan ma hux permess mil-ligi. Hu ovvju li dak li titlob il-ligi dwar l-*actio pauliana* huwa ghal kollox differenti minn dak li hu regolat f'kawza dwar bejgh minn konjugi lill-iehor. F'dan il-kuntest hu interessanti dak li jipprovdi l-art 789 (c) tal-Kap 12. Dan jghid:
"789. (1) L-eccezzjoni ta' nullità ta' l-atti gudizzjarji tista' tinghata -
(c) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma mehtiega mil-ligi, ukoll jekk mhux taht piena ta' nullità, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun giebet, lill-parti li titlob in-

nullità, pregudizzju illi ma jistax jissewwa xort'ohra hlief billi l-att jigi annullat;"

Il-Qorti tirreferi ghas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell ta' l-24 t'April, 1998 fil-kawza fl-ismijiet **Av. Dr. Frendo Randon vs Salomone** fejn inghad:
"meta citazzjoni jkun fiha kawzali alternattivi u mhux cert liema wahda minnhom hija l-kawzali li sejra tifforma l-bazi ta' l-azzjoni odjerna, dan igib sitwazzjoni fejn konvenut lanqas ma jkun jista' jammetti t-talba ghax il-konvenut ma jkunx jista' jaghzel il-kawzali li jidhirlu hu. Lanqas mhu l-kompitu tal-Qorti li taghzel liema hija l-azzjoni li kellu jittenta l-attur. Dan juri car li l-kawza kif giet intavolata hija insostenibbli billi *ab initio* la setghet tipprocedi u lanqas setghet tigi ammessa. … it-talbiet ukoll jikkonfondu azzjoni ma' ohra, bhallikieku dawn iwasslu ghal rimedju wiehed, meta dan mhux hekk ghaliex it-tnejn huma distinti 'l wahda mill-ohra… isegwi ghalhekk li mhux lecitu li tghaqqad jew tikkonfondi azzjoni ma' ohra … Meta l-posizzjoni hija tali, jirrizulta kjarament li l-procedura ta' l-attur kienet wahda, irrita u nulla."

Ukoll fis-sentenza deciza fl-24 ta' Settembru, 2010 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Angelo Fenech *et* vs Pawlu Grech *et*** [Citazzjoni numru 2627/2000 JRM] inghad li kif ben stabbilit fil-gurisprudenza nostrana, talbiet alternattivi m'humiex ammissibli u jirrendu c-citazzjoni nulla.

Bhala l-ahhar argument il-Qorti tippostula l-kaz li kieku minflok ma opponew <u>it-talbiet</u>, il-konvenuti ammettew <u>it-talbiet</u> – liema wahda kienet tifforma d-*decide*?

## E. KONKLUZJONIJIET:

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuti u tiddikjara c-citazzjoni bhala irrita u nulla.

Stante n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------